# Minuti tat-45 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

It-45 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Settembru, 2013.

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista ppresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-Membri tal-Kumitat is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Simon Vella.

Is-Sur Luciano Farrugia kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament il-minuti tat-44 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar l-għotja ta' flus li kellha tingħata mill-Gvern biex jiġu rranġati l-bandli ta' Triq l-Għakrux. Is-Sur Bartolo qal li wħud mill-istrutturi fil-bandli qiegħdin fi stat perikoluż u l-Kumitat għandu bżonn il-finanzi biex tkun tista' tiġi rranġata l-ħsara.

Is-Sur Bartolo issuġġerixxa li l-Kumitat jitlob laqgħa mal-Ministeru għall-Kultura u Gvern Lokali biex jiġu diskussi *issues* bħal dawn u problemi oħra li qed jiffaċja l-Kumitat fosthom in-nuqqas ta' riżorsi.

Is-Sur Bartolo semma wkoll il-problema ta' *plots* vojta fi Triq Dun Salv Sciberras, fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u fi Triq Patri Feliċjan Grech li fihom akkumula skart u li qed ikunu

ta' nkonvenjent kbir għar-residenti. Is-Sur Vella qal li fi Triq il-Farfett tal-Fejġel qed jintefgħu ukoll boroż taż-żibel b'detriment għall-ambjent u għal saħħet ir-residenti.

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mas-Sur Clews, il-Kumitat qabel li meta tkun ser issir il-laqgħa mal-Ministru għall-Kultura u Gvern Lokali l-Kumitat jitlob li f'din il-laqgħa jkun jista' jressaq *issues* li jkunu jistgħu jiġu attwati bl-għajnuna tal-Gvern.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews il-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu April – Ġunju 2013.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sinjura Debattista talbet li jitneħħa arblu tad-dawl mingħajr użu li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Hija talbet ukoll li jinżebgħu mill-ġdid il-marki tat-traffiku li hemm fit-triq.

Is-Sinjura Debattista talbet li jitneħħa arblu tad-dawl mingħajr użu li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Hija talbet ukoll li jinżebgħu mill-ġdid il-marki tat-traffiku li hemm fit-triq.

Is-Sinjura Debattista talbet li tinqala' *No Right Turn* li hemm fi Triq l-Għakrux ma' Triq iż-Żagħrun.

Iċ-*Chairperson* talbet biex tiġi rranġata ħofra li hemm fi Triq il-Profs JG Baldacchino hekk kif tidħol minn Triq in-Naħla.

Is-Sur Bartolo talab li jiġu rranġati żewġ kaptelli mkissra li hemm fi Triq il-Madaffa kantuniera ma' Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Vella saħaq dwar l-importanza li jitnaddfu u jiġu mdawwra b'ħajt numru ta' *plots* mitluqa li hemm f'diversi *areas* ta' St Peter's.

Is-Sinjura Debattista qalet li qed ikun hemm żgħażagħ bir-roti fl-għelieqi li hemm fiż-żona.

Is-Sur Vella rrefera għall-proposta ta' *one way* fi Triq iż-Żagħrun u Triq is-Sebellika u semma l-ħtieġa li jkun hemm konsultazzjoni mar-residenti dwar din il-proposta.

Is-Sur Clews semma l-possibilità li l-Kumitat Amministrattiv jieħu inizjattivi sportivi li jistgħu jsiru għar-residenti. Is-Sur Vella qal li attivitajiet bħal dawn jistgħu jiġu nklużi wkoll ma' attivitajiet oħrajn reliġjużi li jsiru fiż-żona.

Is-Sur Bartolo reġa' semma l-ħtieġa li jitneħħew żewġ blokki tal-konkos li tħallew mill-kumpanija Rock Cut fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Huwa talab ukoll li jiġi mibdul globu mkisser li hemm fil-*playing field* ta' Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-46 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson